MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 621/2005

**Awtorita` tad-Djar**

**vs**

**Emmanuel Cassar**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Marzu 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lill-Awtorita` tad-Djar is-somma ta' mitejn erba' u disghin Liri Maltin (Lm294) rappresentanti korrispettiv dovut fuq Plot 26, Triq Salvu Curso, Siggiewi, ghall-perjodu li jkopri mit-22 ta' Dicembru 1991 sal-21 ta' Dicembru 2005.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar 2004, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' l-

ittra ufficjali sal-pagament effettiv u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tal-Awtorita` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tal-Awtorita` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita` attrici s-somma ta’ mitejn erbgha u disghin Liri Maltin (Lm294), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ Jannar 2004, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------